**Minuti tat-369 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa, 28 ta' April, 2010**

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi Sindku s-Sur John J Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Pisani li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-368 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mil-Perit tal-Kunsill dwar l-istima biex isir *resurfacing* ta' Triq Leli Tabone. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm il-ħsieb li din it-triq tingħata t-tarmak.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mit-*Transport Malta* dwar it-talba biex isiru *Pelican Lights* maz-*zebra crossing* li hemm fi Triq Wied il-Għajn peress illi din qiegħda tkun ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Pisani informa lill-Kunsill li hu kien tkellem ma' resident Żabbari li għal xi żmien matul il-gwerra għex fix-xelter ta' Misraħ is-Sliem biex jirrakkontalu dwar iż-żmien li hu għadda fix-xelter pero' din il-persuna ma xtaqitx li l-intervista tkun iffilmjata. Għalhekk is-Sur Pisani ippropona li jsir dokumentarju. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sur Pisani u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-MEPA dwar l-inkonvenjenzi kbar li qegħdin isofru r-residenti tal-Qasam tad-Djar u taż-Żona ta' Buleben iż-Żgħir f'Ħaż-Żabbar, kawża tal-operat tal-funderija *Hompesch Steel* li tinsab ftit passi 'l bogħod mir-residenzi tagħhom. Huwa talab ukoll li l-Kunsill jerġa' jikteb lill-Ministru konċernat. Is-

Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra.

Is-Sur Bonnici qal li sa issa baqa' ma sar l-ebda żvilupp dwar il-Masġar għalkemm il-Kunsill kien ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Parks ser ifassal programm ta' manutenzjoni sabiex ikunu jistgħu jsiru xogħlijiet neċessarji biex dan il-Masġar jinbidel f'Park Reġjonali. Is-Sur Bonnici ppropona li niktbu lill-Ministru konċernat biex ix-xogħol fuq dan il-Masġar jinbeda fi żmien qasir. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li tinkiteb din l-ittra.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sottokumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sottokumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Kunsill ta' Eschborn fejn il-Kunsill ġie nfurmat li peress li din is-sena il-Kamp Internazzjonali għaż-Żgħażagħ li kellu jsir fi Franza ma kienx ser isir minħabba li l-Kunsill ta' Montgeron ma kienx kiseb fondi mill-Unjoni Ewropeja. Madanakollu l-Kunsill ta' Eschborn kien lest li jgħin finanzjarjament biex dan il-Kamp Internazzjonali din is-sena jkun jista' jsir xorta. Is-Sindku ppropona li naċċettaw l-offerta tal-Kunsill ta' Eschborn u jekk il-Kunsill isib numru ta' żgħażagħ Żabbarin nipparteċipaw. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mit-*Trasport Malta* dwar l-approvazzjoni biex isiru *parking bays* riservati għan-nies diżabbli li għandhom il-*blue badge* fi Triq il-Baħrija, Triq il-Warda u Triq Santa Domenica f'Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sur Catania li ġiet issekondata mis-Sur Grech il-Kunsill qabel unanimament li qabel jagħti l-kunsens tiegħu jivverifika jekk hemmx tassew il-ħtieġa li dawn jsiru.

Is-Sinjura Calleja infurmat lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kienet ser isir bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-Korp tal-Pulizija dwar *Crime Prevention.* Din il-laqgħa ser isir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju 2010 fis-6.30 ta' filgħaxija u matulha ser tingħata informazzjoni dwar diversi aspetti li jolqtu lill-familja.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-Mina ta' Hompesch ġiet nkluża bħala Proprjeta' Skedata skont l-artiklu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvillup.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar għalqa tonda magħrufa bħala "iċ-Ċirku", fi Triq il-Bidni li ġiet inkluża fil-lista ta' Proprjeta' Skedata skont l-artiklu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvillup bħala Sit ta' Importanza Arkeoloġika.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar it-talba li għamlet is-Sinjura Cettina Cauchi Carter fejn talbet kumpens lill-Kunsill wara inċident li allegatament kellha meta

waqgħet fuq il-bankina fi Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Gvern Ċentrali biex tiġi rranġata t-triq u l-kumplament tal-bankina.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn is-7 ta' April, 2010 u s-28 ta' April, 2010 li kien jammonta għal €22,449.44. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' April 2010 li kien jammonta għal €111.60. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2010 - 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2010 - 2012. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani.

Aġġudikazzjoni ta' l-offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 2/2010)

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-laqgħa li flimkien mas-Sur Catania, bħala l-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent u fil-presenza tas-Segretarju Eżekuttiv kellhom mas-Sur Wilson Mifsud dwar l-offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas u roundabouts* biex tinġabar informazzjoni addizzjonali li permess tagħha l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni finali.

Is-Sindku ppropona li wara illi s-Sur Mifsud kien qed jaċċerta lill-Kunsill li kien ser jagħti s-servizz mitlub bl-aħjar mod, li l-Kunsill jaċċetta din l-offerta. Is-Sur Catania issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-offerta tas-Sur Mifsud.

Aġġudikazzjoni ta' l-offerta biex tiġi organizzata l-attivita' Lejla fil-Belt Hompesch : Festival ta' Arti, Storja u Kultura (ZLC 3/2010)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet ġiet sottomessa offerta waħda biex tiġi organizzata l-attivita' Lejla fil-Belt Hompesch : Festival ta' Arti, Storja u Kultura (ZLC 3/2010). L-offerta kienet mingħand Leon Promotions għall-prezz ta' €13,500 u li kien issottometta d-dokumenti kollha kif mitlub. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata l-offerta tal-Leon Promotions.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-applikazzjoni tiegħu l-Kunsill talab mill-Gvern €8,000 il-massimu li wieħed seta' jitlob. Minn dan l-ammont il-Kunsill ser jingħata €5,000 mill-Gvern. Dan ifisser li l-Kunsill irid joħroġ €11,000 mill-fondi tiegħu jekk kemm il-darba l-ispiza totali ta' din l-attivita' ser tlaħħaq għall-ammont stmat ta' €16,000. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ dan l-ammont mill-fondi tiegħu.

Aġġudikazzjoni ta' l-offerti għax-xogħol ta' Titjib fiċ-Ċentru Ċiviku (ZLC 4/2010).

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi tlett offerti għax-xogħol ta' titjib fiċ-Ċentru Ċiviku ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 4/2010). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| Kuntrattur | Prezz | Dokumenti |
|---|---|---|
| Mr Vincent Farrugia | €63,700 | *Form of Tender for Goods & Services* mhux mimlija, *Non Collusive Certificate* mhux iffirmata u *Bid Bond f'cheque* mhux maħruġ f'isem il-Kunsill Lokali Zabbar, minflok garanzija bankarja maħruġa minn bank lokali. |
| Project Technik Limited | €92,909.63 | Mimlija u ffirmati |
| PSV Turnkey Contractors | €72,564 | Mimlija u ffirmati |

Peress li s-Sur Farrugia naqas milli jimla *Form of Tender for Goods & Services*, jiffirma in-*Non Collusive Certificate* u jissottometti garanzija bankarja maħruġa mill-bank, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pisani l-Kunsill qabel unanimament li jikteb lid-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali biex tingħata informazzjoni jekk din l-offerta għandiex titqies invalida jew le *in vista* ta' ċirkulari riċenti li nħarġet mill-Gvern lid-Dipartimenti dwar il-possibilita' li jiġu rranġati ċerti żbalji li jsiru fis-sottomessjonijiet ta' *tenders.*

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bonnici semma' l-bżonn li jsiru tabelli ġodda biex jindikaw il-konfini ta' Ħaż-Żabbar. Huwa talab biex terġa' ssir it-tabella li kien hemm fi Triq Villabate li nqalgħet waqt ix-xogħol li sar mill-Gvern fil-*By Pass,* kif ukoll li tiġi spustjata dik li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru 1797.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li tiġi rranġata l-bankina ta' Triq Bormla, kantuniera ma' Triq il-Kittien. Hija semmiet ukoll il-ħtieġa li din il-bankina tiġi rranġata qabel ix-xitwa biex jiġi evitat li jidħol l-ilma tax-xita fid-djar.

Is-Sindku qal li kien ġie nfurmat dwar applikazzjoni biex isir *fish farm* ix-Xgħajra. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill joġġezzjona għal din l-applikazzjoni minħabba li dan kien

se jikawza inkonvenjent għar-residenti taż-żona. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir l-oġġezzjoni.

Is-Sur Pace semma' l-bżonn li tiġi rranġata bankina fi Triq il-Kbira.

Is-Sur Buttigieg talab biex jitnaddfu u jiġu rranġati l-*culverts* li hemm f'Misraħ San Gakbu.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-370 laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 27 ta' Mejju 2010.

Domenic Agius
Sindku